



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Sajd

2012/2167(DEC)

21.2.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-UE għas-sena
finanzjarja 2011, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(C7-0224/2012 - 2012/2167(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Nils Torvalds

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011; jieħu nota wkoll tar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar is-sena finanzjarja 2011; jemmen li l-oqsma tal-affarijiet marittimi u tas-sajd mhumiex imsemmija b'mod prominenti f'dawn id-dokumenti;
2. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-implimentazzjoni tat-Titolu 11 tal-baġit kienet, b'mod ġenerali, sodisfaċenti, b'rata ta' implimentazzjoni ta' 97 % għal approprjazzjonijiet ta' impenn u 95 % għal approprjazzjonijiet ta' pagament; jinnota wkoll li l-Qorti tal-Awdituri ma għamlet l-ebda osservazzjoni prinċipali dwar ir-Rapport Annwali tal-Attività ta' DĠ MARE;
3. Jinnota fl-istess ħin, madankollu, li l-Qorti tal-Awdituri qed tara żieda fir-rata ta' żball għas-sena 2011 u jirrimarka li l-pagamenti sottostanti huma effettwati b'mod sostanzjali mill-iżball;
4. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri sabiex tippreżenta r-rata ta' żball għas-sajd separatament mill-ambjent, l-iżvilupp rurali u s-saħħa u mhux fuq bażi aggregata;
5. Ifakkar li fl-2010 kien hemm monitoraġġ insuffiċjenti ta' qabdiet skont il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd li rriżultaw f'pagamenti addizzjonali li jkopru qabdiet li jkunu akbar mill-kwota nnegożjata; jilqa', għalhekk, l-azzjoni li ħa DĠ MARE biex itejjeb il-monitoraġġ ta' qabdiet skont il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd, li hu tmat li se tevita rikorrenza ta' din il-kwistjoni enfasizzata mill-Qorti tal-Awdituri; jinnota li l-ammont ta' qabdiet eċċessivi fl-2010 kienu mnaqqsqa mill-kwota għall-2011;
6. Ihegġegħ lill-Qorti tal-Awdituri għal darb'oħra tinkludi awditu tad-dimensjoni esterna tal-politika komuni dwar is-sajd fil-programm ta' ħidma tagħha;
7. Jinnota r-riservi fir-Rapport Annwali tal-Attività ta' DĠ MARE fir-rigward tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES)¹, b'segwitu għar-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri 12/2011, dwar investimenti abbord ifffinanzjati skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 li żiedu l-abbiltà tal-bastimenti li jaqbd u l-ħut; jifhem li DĠ MARE kien qed jaħdem mal-Istati Membri biex jindirizza l-problemi identifikati billi jirrevedi l-proġetti ffinanzjati skont din id-dispożizzjoni tal-FES bl-għan li jelimina nfiq ineliġibbli;
8. Għandu dubji dwar il-metodi ta' valutazzjoni teknika li wasslu sabiex ċerta nefqa taħt l-Artikolu 25(2) tal-FES ġiet iddikjarata ineliġibbli minħabba li żżid il-kapaċità, meta n-nefqa kkonċernata kienet fil-fatt imfassla sabiex timmodernizza l-attività tas-sajd; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippożi definizzjoni ġdida ta' kapaċità, b'mod partikolari sabiex ma jkunx hemm interpretazzjoni ġdida bħal din fil-futur;

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006.

9. Jinnota li r-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri 12/2011 sab nuqqasijiet kritiċi fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jnaqqsu l-kapaċità żejda tas-sajd, inkluż dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti u fit-twaqfif ta' sistemi maniġerjali u ta' kontroll;
10. Jinnota li, fl-istess rapport speċjali 12/2011, il-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li r-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-UE ma kienx aġġornat sew fid-dawl ta' bastimenti tas-sajd skrappjati bl-ġhajjnuna ta' fondi pubbliċi; huwa tal-fehma li huwa assolutament essenzjali li jkun hemm data aġġornata u affidabbli marbuta mar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa urġenti sabiex jiġi kwantifikat, b'mod effettiv, il-livell ta' kapaċità żejda tal-flotta tas-sajd tal-UE u l-mod kif din hi mifruxa fl-Istati Membri individwali u fis-segmenti rispettivi tal-flotta tagħhom;
11. Jinnota li l-kriterji għall-ġhażla tal-iskemi għall-irtirar tal-bastimenti tas-sajd mhux dejjem kellhom miri preċiżi u dan wassal għall-iskrappjar ta' bastimenti tas-sajd li ftit li xejn kellhom impatt fuq l-istokkijiet tal-ħut inkwistjoni; jinnota, barra minn hekk, li r-rati ta' ġhajjnuna pubblika applikati għall-irtirar ta' bastimenti tas-sajd ħafna drabi ma kkunsidrawx il-kosteffikaċja fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi xierqa;
12. Jesprimi t-ħassib serju tiegħu minħabba li l-ġhajjnuna pubblika intużat biex iżżid l-abbiltà tal-bastimenti biex jaqbd u b'hekk żiedet il-kapaċità eċċessiva fis-settur tas-sajd Ewropew;
13. Jenfasizza li t-tieni riserva fir-Rapport Annwali tal-Attività ta' DG MARE, li tirrigwarda l-ġestjoni u l-kontroll tal-implimentazzjoni tal-FES fi tmien Stati Membri, tindika li DG MARE qed jeżerċita r-rwol superviżorju tiegħu permezz ta' ġestjoni konġunta;
14. Jikkunsidra li fil-futur ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri għandu jkollu analiżi proprja għaċ-ċifri relatati ma' DG MARE sabiex tiżdied it-trasparenza, u li l-ġħadd ta' testijiet għandu jiżdied sabiex tiġi żgurata eżattezza ġenerali oġhla mill-kampjun;
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa kollha biex jindirizzaw il-problemi identifikati u b'hekk ikun possibbli li jitneħħew ir-riservi eżistenti;
16. Jipproponi, fuq il-bażi tad-data disponibbli u minkejja n-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq, li jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni għall-infiq tagħha fl-oqsma tal-affarijiet marittimi u tas-sajd għas-sena finanzjarja 2011.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	19.2.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Kriton Arsenis, Alain Cadec, Chris Davies, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Dolores García-Hierro Caraballo, Iliana Malinova Iotova, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzo Rivellini, Ulrike Rodust, Raül Romeva i Rueda, Struan Stevenson, Isabelle Thomas, Nils Torvalds, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Basset, Ole Christensen, Diane Dodds, Julie Girling